# Il-Pjanta u l-Għasfur Nazzjonali f'Ta' Sannat

*kitba u ritratti ta' Joe Sultana*

Fil-konfini tar-raħal rustiku ta' Sannat jinstab wieħed mill-aktar siti ta' mportanza ekoloġika f'Għawdex, li tikkonsisti f'wesgħa kbira ta' xagħri kif ukoll sisien għoljin, ta' ġmiel liema bħalhom. Fl-inħawi ta' Ċenċ insibu bijodiversità prezzjuża b'numru kbir ta' speċi mportanti ta' flora u fawna indiġena. Fost dawn insibu kemm il-pjanta nazzjonali – **Widnet il-Baħar**, kif ukoll l-għasfur nazzjonali – **Il-Merill**.



*Widnet il-Baħar, il-pjanta nazzjonali, bil-fjuri f'Ta Ċenċ (ritratt - Joe Sultana)*

**Widnet il-Baħar** hija waħda minn ftit speċi endemiċi Maltin li jikbru f'Għawdex. Bil-kelma endemiċi nifhmu dawk l-ispeċi li ma jikbru mkien fis-selvaġġ f'pajjiżi oħra, ħlief fil-gżejjer Maltin. **Widnet il-Baħar** ma tantx hi komuni f'Għawdex u tikber biss fix-xfar tas-sisien fin-nofsinhar tal-gżira fl-inħawi f' ta' Ċenċ u tax-Xlendi. Akkwistat it-titlu ta' pjanta nazzjonali fl-1971. Hija arbuxxell żgħir, li jwarrad ġeneralment f'Mejju u Ġunju. L-irjus tal-fjuri vjola jixbħu lill-ward tax-xewk u jkunu fil-ponta taz-zkuk tawwalin. Il-weraq qisu manku ta' mgħarfa, lixx u kemxejn imlaħħam. Twarrad minn Mejju sa Lulju.



*Il-forma sferika ta' Widnet il-Baħar bil-blanzuni, qabel tibda twarrad, f'Ta' Cenc. (ritratt - Joe Sultana)*

Din il-pjanta kien skoprieha l-botaniku Malti, it-tabib Stefano Zerafa f'Wied Babu, limiti taż-Żurrieq u ddeskrieviha għall-ewwel darba fil-ktieb *Flora Melitensis Thesaurus* fl-1827. Semmieha xjentifikament *Centuarea spathulata*. Dr Stefano Zerafa (1791-1871) twieled il-Għargħur u mill-1915 sal-1865 kien Professur fl-Università ta' Malta u okkupa l-katedri tal-mediċina, tal-fiżjoloġija, tal-patoloġija u tal-istorja naturali.



*Il-Merill mara żżoqq il-frieh fil-bejta. (Ritratt - Joe Sultana)*

L-isem xjentifiku ta' kull speċi ta' flora u fawna jikkonsisti f'żewġ kelmiet , l-ewwel kelma tkun il-ġeneru u t-tieni kelma tispeċifika l-ispeċi. Dan l-isem oriġinali xjentifiku tagħha, kellu jinbidel wara xi żmien għax kien diġà ntuża għal speċi oħra differenti ta' flora minn botaniku barrani, qabel ma semmieha Zerafa. L-isem *spathulata* kien jixirqilha għaliex il-weraq tal-pjanta għandhom forma ta' spatula. Wara li kien reġa' nbidel minn botaniċi oħrajn, illum l-isem xjentifiku tagħha huwa *Cheirolophus crassifolia*, u bl-Ingliż tissejjaħ *Maltese Rock-centaury*.



*Bejta tal-Merill bil-bajd. (Ritratt - Joe Sultana)*

**Il-Merill** ukoll akkwista t-titlu tal-għasfur nazzjonali fl-1971, meta fit-18 ta' Settembru l-awtoritajiet tal-posta ta' dak iż-żmien kienu ħarġu sett ta' erba' bolli bil-pjanta u l-għasfur

nazzjonali. Il-Merill ibejjet l-iżjed fis-sisien u l-irdumijiet ta' fuq il-baħar matul il-kosta partikolarment f'dawk tal-inħawi ta' Sannat, bħalma huma Tal-Bardan, Iċ-Ċnus, Il-Faqma, Tal-Ħajt, Ta' Ċenċ, Tal-Ikbiex, Ras in-Newwiela u Ta' Bolonja. Iżomm f'dawn l-inħawi matul is-sena kollha, 'il bogħod kemm jista' jkun min-nies għax hu għasfur mgerrex. Ftit pari jbejtu wkoll il-ġewwa mill-kosta ta' Għawdex, fis-sisien tal-għoljiet, f'xi dar mitluqa u anki f'xi kampnar tal-knejjes. Ġieli bejjet anki fis-swar taċ-Ċittadella.

**Il-Merill** raġel blu skur, b'denb u ġwienaħ suwed, filwaqt li l-mara hija kannelija fil-griż. Ir-raġel għandu għanja melodjuża u jħobb jgħanni waqt li jkun poġġut imperreċ fuq il-blat jew fuq xi ħajt, kif ukoll waqt it-titjira tan-namra. Jiekol insetti, xagħat, dud, bebbux tal-art u rettili żgħar. L-iżjed li jbejjet f'toqob u xquq u jibni bejta kemxejn goffa u ċatta b'qaleb żgħir fin-nofs. Il-mara tbid ġeneralment minn erba' sa ħames bajdiet, ċelesti, spiss b'tikek irqaq kannella madwar in-naħa l-wiesgħa. Il-mara biss toqgħod fuqhom u r-raġel joqgħod xi mkien fil-qrib għassa. Tghidx kemm ilissen tisfira ta' dwejjaq meta jara lil xi ħadd fl-inħawi tal-bejta. Jibda jaħseb għall-bejta minn Marzu u jbejjet darbtejn f'sena. Il-bajd ifaqqas wara xi tlettax-il jum u wara kemm ir-raġel kif ukoll il-mara iżoqqu l-frieħ, li jieħdu madwar sbatax-il jum biex itajru. Kemm ir-raġel kif ukoll il-mara jibqgħu jakkompanjawhom u jżoqquhom għal xi żmien wara li jħallu l-bejta sakemm jitgħallmu jfittxu u jsibu l-ikel huma.

L-isem xjentifiku tal-**Merill** hu *Monticaola solitarius*, u bl-Ingliż magħruf bl-isem *Blue Rock Thrush*. Ilu protett bil-liġi sa mill-1911. Anki **Widnet il-Baħar** hija mħarsa bil-liġi u naħseb li kulħadd jaqbel li jixraq li napprezzaw l-importanza naturali ta' dawn iż-żewġ speċi – il-pjanta u l-għasfur nazzjonali – li jiffurmaw parti mill-bijodiversità rikka fl-inħawi tar-raħal ta' Sannat.



*Is-sisien majestużi f'Ta' Cenc, Ta' Sannat, fejn isaltnu l-għasfur u l-pjanta nazzjonali.*

SANNAT
CENTRAL STORE

MON-SAT 5.30AM-NOON 4.00PM-7.00PM

TEL: 2155 9160